MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 1302/2002/1

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera CGU Insurance plc hekk kif surrogati fid-drittijiet tal-assikurat taghha Edward Tabone sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Edward Tabone u b'digriet tat-18 ta' Ottubru, 2002, it-Tribunal ordna li flimkien ma' Edward Tabone jizdied l-isem "u martu Frances", u b'nota tal-24 ta' April, 2003, is-socjeta` GasanMamo Insurance Limited assumiet l-atti kollha tal-kawza odjerna bhala attur mibflok is-socjeta` GasanMamo Insurance Agency Limited u din in rappresentanza tas-socjeta` assikuratrici estera CGU Insurance plc.**

**vs**

**Jesmond Attard**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-atturi fil-21 ta' Mejju, 2002, fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u tlieta u tletin lira Maltija u sebghin centezmu (Lm333.70) rapprezentanti danni kagunati f'incident awtomobilistiku tal-10 ta' Lulju, 2001, gewwa Triq in-Naxxar, Birkirkara, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BAI-742 misjuqa minn u proprjeta' ta' l-assikurat tas-socjeta' attrici li kienet assikurata taht polza "comprehensive" mahruga mill-istess socjeta' attrici li ghalhekk ghamlet tajjeb ghad-danni kawzati fil-vettura tal-assikurat taghha, u l-vettura numru JAI-542 misjuqa mill-konvenut Jesmond Attard, liema ncident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-11 ta' Frar, 2002 u dawk tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment mal-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut ai termini tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax pagabbli mill-11 ta' Frar, 2002, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Michael Zammit Maempel ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut.**

**Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u peress illi ghall-incident in kwistjoni kien jahti unikament il-konvenut jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' tlett mija u tlieta u tletin lira Maltija u sebghin centezmu (Lm333.70) bl-imghax legali mill-11 ta' Frar, 2002.**

**L-ispejjez ta’ dina l-istanza inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-11 ta’ Frar, 2002 u dawk tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment mal-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut ai termini tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta’ Malta, ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut skond il-Ligi.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------